VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 8 tal-2012

ATT DWAR IS-SALARJI TAL-PRESIDENT TA' MALTA U TA' UFFIĊJALI OĦRA (KAP. 186)

Ordni tal-2012 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni tal-2012 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, u għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2012.

Reviżjoni tas-salarju tal-President.

2. Għandu jitħallas lill-President ta' Malta, minflok is-salarju stabbilit bl-artikolu 2 tal-Att, salarju ta' € 53,762 b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2012.

Reviżjoni tas-salarji ta' Uffiċjali oħra

3. Għandu jitħallas lid-detentur tal-kariga speċifikata fl-ewwel kolonna tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni, minflok is-salarju stabbilit bl-artikolu 3 tal-Att, is-salarju fis-sena speċifikat fit-tieni kolonna ta' dik l-Iskeda.

SKEDA

(Artikolu 3)

	2012
Avukat Ġenerali	€ 43,839